KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.11.2007
KUMM(2007) 695 finali

2006/0196 (COD)

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

**skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**rigward**

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE rigward l-ikkompletar tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità**

2006/0196 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE**

**rigward**

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE rigward l-ikkompletar tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità**

## 1 - SFOND

| | |
|---|---|
| Il-proposta trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2006)594 finali – 2006/0196(COD)) fid-data: | id-19 ta' Ottubru 2006. |
| L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew maħruġa fid-data: | is-26 ta' April 2007. |
| L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni maħruġa fid-data: | is-6 ta' Ġunju 2007. |
| L-opinjoni tal-Parlament Ewropew (fl-ewwel qari) maħruġa fid-data: | il-11 ta' Lulju 2007. |
| Il-pożizzjoni komuni adottata fid-data: | it-8 ta' Novembru 2007. |

## 2 - L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-ikkompletar tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità permezz ta' l-abolizzjoni taż-żona riservata fl-Istati Membri kollha; konferma ta' l-ambitu u l-istandard tas-servizz universali; tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi u tqawwija tar-rwol ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali; l-offerta ta' lista ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jissalvagwardjaw u jiffinanzjaw, f'każ ta' ħtieġa, is-servizz universali.

## 3 - KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 3.1 Kummenti ġenerali

Il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni komuni hekk kif adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata fit-8 ta' Novembru 2007.

L-emendi li saru permezz tal-pożizzjoni komuni, li f'dan ir-rigward isegwu l-emendi rilevanti tal-PE magħmula fl-ewwel qari, b'mod partikolari jikkonċernaw id-data finali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva li temenda (il-31 ta' Diċembru 2010), il-possibbiltà għal ċerti

Stati Membri li jipposponu l-ftuħ sħiħ tas-suq b'sentejn addizzjonali bħala massimu, u l-inklużjoni ta' klawżola ta' reċiproċità temporanja li tapplika għal dawk l-Istati Membri li jutilizzaw dan il-perjodu tranżizzjonali ta' l-aħħar. Barra minn hekk, u wkoll b'inkorporazzjoni ta' element sostantiv ta' l-ewwel qari fil-PE, il-pożizzjoni komuni ddaħħal Anness I ġdid għad-Direttiva ("Gwida għall-kalkolu ta' l-ispiża netta, jekk ikun hemm, tas-servizz universali").

## 3.2 Emendi tal-Parlament inkorporati fil-pożizzjoni komuni

Il-pożizzjoni komuni tinkorpora kważi kull emenda magħmula mill-Parlament fl-ewwel qari. L-emendi jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin: il-Premessi 4, 5, 7, 9, 11, 13, 14, 15, 16, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 26, 27, 31, 32, 34, 39, 41, 42, 46, 53, 54 u 55, kif ukoll l-Artikoli 2, 6, 9, 12, 14, 19, 22a, 23 u 23a.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-emendi li saru f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-pożizzjoni komuni, minħabba li huma konformi mal-Proposta tal-Kummissjoni, huma koerenti ma' l-*Acquis* u/jew huma parti mill-qbil politiku globali bejn l-istituzzjonijiet.

Emendi magħmula mill-PE b'rabta mal-Premessa 27 huma riflessi fi stqarrija mill-Kummissjoni, li, fis-sustanza tagħha, tirrifletti l-*Acquis* (annessa ma' din il-Komunikazzjoni).

## 3.3 Dispożizzjonijiet riformulati jew ġodda

Xi dispożizzjonijiet tfasslu mill-ġdid jew żdiedu mal-pożizzjoni komuni, għal aktar ċarezza; jirrigwardaw: il-Premessi u 51, kif ukoll l-Artikoli 1, 3, 4, 7, 9 u l-Anness I.

Id-dispożizzjonijiet huma koerenti ma' l-emendi tal-PE jew jistgħu jitqiesu li jirriflettu t-talbiet tal-PE, pereżempju l-Anness I b'rabta ma' l-Artikolu 23a (l-Emenda 58).

L-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva li temenda huma parti integrali tal-qbil politiku globali, u wkoll jinkorporaw is-sustanza ta' l-emendi rispettivi magħmula mill-PE fl-ewwel qari.

Il-Kummissjoni tista' tappoġġa d-dispożizzjonijiet kollha msemmija hawn fuq. Huma konformi ma' l-emendi tal-PE, itejbu u jiċċaraw it-test tad-Direttiva, u/jew huma parti mill-qbil politiku globali bejn l-istituzzjonijiet.

Fir-rigward tal-kwistjoni tat-tabelli ta' korrelazzjoni, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-pożizzjoni komuni ma segwietx il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward (ara wkoll il-Premessa 60). Il-Kummissjoni jidhrilha li l-provvista ta' tabelli ta' korrelazzjoni tikkorrespondi mal-prinċipju tar-Regolamentazzjoni Aħjar, minbarra li ttejjeb il-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-Komunità. Għaldaqstant, il-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni qiegħda tagħmel stqarrija, li hija annessa ma' din il-Komunikazzjoni.

## 4 - KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-pożizzjoni komuni tirrifletti għal kollox l-elementi ewlenin tal-proposta inizjali u l-emendi tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Il-Kummissjoni għaldaqstant tappoġġa l-pożizzjoni komuni hekk kif adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata.

**Anness**

**Stqarrija tal-Kummissjoni rigward il-Premessa 27**

Il-Kummissjoni tikkonferma li, skond il-Premessa 18 tad-Direttiva 97/67/KE u l-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (e.g. Kawża C-320/91 [Corbeau]), servizzi *express* u tal-*courier* jikkostitwixxu servizzi speċifiċi li huma kkaratterizzati b'li huma essenzjalment differenti mis-servizzi postali universali.

**Stqarrija tal-Kummissjoni rigward il-Premessa 60 u l-Artikolu 2**

Il-Kummissjoni tfakkar fil-pożizzjoni tagħha rigward il-ħolqien mill-Istati Membri ta' tabelli ta' korrelazzjoni li l-miżuri ta' traspożizzjoni meħuda mill-Istati Membri jorbtuhom mad-Direttiva, fl-interess taċ-ċittadini, ir-Regolamentazzjoni Aħjar u t-trasparenza, u jgħinu fl-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-Komunità.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tostakolax qbil fil-Kunsill, bil-għan tal-konklużjoni b'suċċess tal-proċedura interistituzzjonali fuq din il-materja. Madankollu, tistenna li din il-kwistjoni orizzontali titqies b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet.